MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2012

Numru 792/2012

**Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**vs**
**SM**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata SM giet mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. Nhar it-3 ta’ Marzu 2011 u/jew fil-gimghat ta’ wara din id-data, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Awwissu 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta u kif ukoll ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha, kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Sabiex tipprotegi l-identita’ tal-imputata l-Qorti qed tordna id-divjiet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-imputata fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------